MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Numru 184/2008

**Spettur Angelo Gafa**

**Versus**

**Charles Sammut**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Charles Sammut ta' 40 sena, bin Romeo u Margaret nee Caruana, imwieled tal-Pieta' fid-29 ta' Novembru 1967 u residenti fi Block B, Flat 6, Bellaggio Apartments, Triq San Ġużepp Gwardamanġja u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 491167 (M)

Akkużat talli

1. F'dawn il-Gżejjer fit-3 t'Awwissu 2007 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru

l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, iffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrija jew xjentement għamel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew inbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;

2.Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, iffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta' manifattura, jew, xjentement, għamel użu ta' dawn id-disinjki jew mudelli ffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;

3. U aktar talli fl-istess perjodu,lok, u ċirkostanzi, għamel użu ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setgħet tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ merkanzija b'din il-marka , sinjal jew emblema;

4. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew import għall–ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbhin b'qerq;

5. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, bil-għan li jieħu vantaġġ għalih innfisu jew għal persuna oħra, jew bil-ħsieb li jikkaġuna telf lil xi persuna oħra u mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju, applika fuq oġġetti jew fuq l-ippakkettjar tagħhom sinjal identifikat għal, jew li x'aktarx jitħawwad ma' trademark reġistrata;

6. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, bil-għan li jieħu vantaġġ għalih innifsu jew għal persuna oħra, jew bil-ħsieb li jikkaġuna telf lil xi eprsuna oħra, u mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju, beigħ jew kera, offra jew espona għall-bejgħ jew kiri jew qassam oġġetti li kellhom fuqhom, jew li l-iġġakkettjar tagħhom kellu fuqu sinjal identiku għal jew li x'aktarx jitwaħħad ma' trademark reġistrata.

7. kif ukoll talli b'hekk sar reċidiv ai termini tal-artikolu 49 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datati 13 ta' Jannar 2004, 7 ta' Frar u 6 ta' Ġunju 2007 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ntalbet sabiex fil-każ ta' ħtija barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esibiti.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 4911 tal-1967, il-fedina penali tal-imputat, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali (fol 15) u tal-imputat (fol 22) sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-miscellaneous incident report (fol 26), l-istqarrijiet tal-imputat (fol 28-29) (31 u 32), ir-riċevuta rilaxxjata mill-Pulizija (fol 30), is-sentenzi esibiti a fol 34, 38, 39, ir-ritratti tal-items a fol 41 (Dok AG 9), u Dok AG 10 li huwa dokument b'sensiela ta' Trade Marks reġistrati mal-Inudstrial Property Division (fol 42).

Semgħet lill-Ispettur Angelo Gafa' bil-ġurament.

Rat li l-imputat fis-seduta tat-22 t'April, 2009 għamel ammissjoni tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata żmien xieraq biex jaħsibha.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkonsidrat

Li ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn huma ppruvati skond il-Liġi.

**Konklużjoni**

Il-Qori, wara li rat l-artikoli 49, 50, 298(1)(a), 298(1)(b), 298(1)(c), 298(1)(f) tal-Kap 9 u l-artikoli 72(1)(a) u 72(1)(b)

tal-Kap 416 qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih b'dan pero' li, ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9, l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni huma assorbiti fir-raba' imputazzjoni u l-ħames imputazzjoni hija assorbita fis-sitt imputazzjoni.

Dwar il-piena l-Qorti qed tqis li l-imputat kien għamel ammissjoni bikrija iżda wkoll li, skond is-sentenzi esibiti, huwa reċidiv. Il-Qorti qieset ukoll l-oġġetti involuti.

Il-Qorti għalhekk qed tikkundanna lill-imputat iħallas multa ta' €2100 liema multa tista' titħallas b'rata ta' 100 Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament jitħallas fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din għandha tkun konvertita fi priġunerija skond il-Liġi.

**Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti konfiskati taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------